31999D0393

18.6.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 152/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Lulju 1997
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Għarab Uniti dwar kummerċ fi prodotti tat-tessuti

(1999/393/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni innegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim dwar kummerċ fi prodotti tat-tessuti ma' l-Emirati Għarab Uniti;

Billi, skond id-Deċiżjoni 96/410/KE [1], il-Ftehim kien applikat fuq bażi provviżorja sa minn l-1 ta' Jannar 1996, filwaqt li kienet pendenti l-konklużjoni formali tiegħu

Billi l-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Għarab Uniti dwar kummerċ fi prodotti tat-tessuti huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim biex jorbot il-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

J. POOS

[1] ĠU L 169, 08.07.96, p. 39.